MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 22/2000/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Carmela Demarco (b'digriet tat-26 ta' Novembru, 2001 stante l-mewt ta' Carmela Demarco l-atti gew trasfuzi f'isem Lilian Demarco), Lilian Demarco, Joseph Demarco, Reverendu Philip Demarco, Anne Demarco, Simon Demarco, Margaret Pace Bonello, Joseph Demarco nominat b'digriet tad-19 ta' Mejju 1998 bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti David Demarco, Michael Demarco, Elizabeth mart Peter**

**Micallef u Peter Micallef, Dr. Edwina Chetcuti u PL Veronica Rossignaud nominati b'digriet tad-19 ta' Mejju 1998 bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Suor Maria Theresa Demarco, Ethel Zammit u Oscar Zammit. Dr. Joseph Bonello u PL Joanna Dingli nominati b'digriet tad-19 ta' Mejju 1998 bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-sid jew sidien incerti**

Il-Bord:

Ra r-rikors promoss mill-Kummissarju tal-Art:

1. Illi b'ittra ufficjali tas-16 t'April, 1998 l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond b'numru tmienja u tletin (38) fi sqaq ir-Regina l-Belt Valletta u l-kmamar internament bin-numri tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), hdax (11), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), ghoxrin (20) u sbatax (17), tmintax (18), dsatax (19), ghoxrin (20) u wiehed u ghoxrin (21) fil-fond numru disgha u tletin (39), Sqaq ir-Regina l-Belt Valletta u cioe' tar-Recognition Rent kumplessiva ta' tmienja u sebghin Lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu fis-sena mposta fuq l-istess li gew mehuda mill-Gvern b'titolu ta'

Dominju Pubbliku bis-sahha ta' kuntratt pubblikat minn Nutar Alexander Grech fl-ghaxra ta' Mejju elf disa' mija u sittin (10.5.60) huwa ta' elf hames mija u hamsa u sittin Lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1,565.20) kif jidher fir-rapport tal-Perit Mario Cilia A&CE datat 24 ta' Marzu 1998 li estratt tieghu rispettiv ta' Dok A gie notifikat lilhom ghal finijiet kollha tal-ligi.

2. Illi b'ittri ufficjali tat-8 ta' Mejju 1998, 11 ta' Mejju 1998 u 6 ta' Mejju 1998 jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li l-kumpens ikun ta' ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000).

3. Illi b'cedola ta' depozitu ipprezentata fil-5 t'Awwissu 1998 gie depozitat il-kumpens offert ta' elf hames mija hamsa u sittin Lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1,565.20) ghal fondi fuq deskritti u dan a terminu tal-artikolu 22 (4) tal-Kap 88.

4. Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depositu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero', ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

5. Ghaldaqstant, ir-rikorrent titlob bir-rispett li dan il-Bord jiffissa l-kumpens relattiv ghall-fondi fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta tal-Avukat Dottor Joseph Bonello u l-PL Joanna Dingli kuraturi in rapprezentanza ta' sidien incerti:

Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz;

Illi huma jirriservaw li jaghmlu risposta fi stadju ulterjuri.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qieghed jitlob lill-Bord jiffissa il-kumpens xieraq ghax-xiri b'titolu assolut bhala liberi u franki tal-hawn imsemmija fondi ghal-skop pubbliku. Il-fondi 38 Sqaq ir-Regina – Belt Valletta u l-kmamar internament enumerati 2, 3, 4, 5, 11, 12, 13, 14, 20, u dawk numru 17, 18, 19, 20 u 21 fil-fond numru 39 Sqaq ir-Regina l-Belt Valletta kienu mehuda snin ilu mill-awtorita' taht titolu ta' Dominju Pubbliku u dwar dan kien sar kuntratt in Atti Nutar Dottor Alexander Grech tal-10 ta' Mejju 1969 ghat-trasferiment tal-istess b'titolu ta' Dominju Pubbliku versu l-kera ta' gharfien fl-ammont komplessiv ta' £84-11s-1d maghmul mill-kera ta' gharfien ghal kull fond kif jidher fil-kuntratt esebit a fol 192 tal-process;

Illi permezz ta' dikjarazzjoni tal-President li dehret bhala Avviz numru 1230 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Marzu 1998 dawn il-fondi kienu dikjarati mehtiega ghal skop pubbliku u li l-akkwist taghhom mill-awtorita' huwa b'titolu ta' xiri assolut. Ghalhekk l-intimati sidien u rapprezentanti taghhom kienu notifikati b'Avviz Ghall-Ftehim u avzati illi l-kumpens li l-awtorita' kienet lesta thallas ghall-akkwist ta' dawn il-fondi kien ta' Lm1,565,20 izda l-intimati rrifjutaw u talbu minflok, kumpens ta' Lm20,000 llum ekwivalenti ghal €46,587.47. L-offerta tar-rikorrenti saret fit-termini

tal-artikolu 27(13) tal-Kap 88 li jipprovdi illi *"Il-kumpens dwar l-akkwist ta xi art b'dominju pubbliku ghandu jkun daqs il-kera ta' akkwist li dwarha jisthoqq skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fis-subartikolu (2) sa (12), kollha maghdudin, ta' dan l-artikolu, biz-zieda (a) tal-erbghin fil-mija (40%) fil-kaz ta' bini belti qadim u (b) tal-ghoxrin fil-mija (20%) fil-kaz ta' raba".* Fil-fehma tal-Bord izda, l-kumpens ghat-tehid in dizamina ghandu jkun regolat b'dispost iehor tal-Kap 88 ghaliex dan mhux tehid b'titolu ta' Dominju Pubbliku izda wiehed b'xiri assolut. Ghalhekk huwa l-artikolu 27(1) li jirregola l-komputazzjoni tal-kumpens dovut. Dan huwa konfermat bl-artikolu 19(3) li jiddisponi illi meta awtorita' kompetenti tkun akkwistat xi art b'titolu ta' dominju pubbliku u wara tbiddel dan f'titolu ta' proprjeta' assoluta, fl-iffissar ghall-ghanijiet tal-kumpens ghall-akkwist f'proprjeta' assoluta ebda kaz ma jittiehed ta' ebda bini jew miljorament fuq l-art;

Illi mill-provi mressqa jemergi illi dawn il-fond kienu demoliti sabiex jiffurmaw Pjazza Il-Helsien;

Illi l-periti membri tal-Bord assenjati sabiex jassistu lic-Chairman f'din il-kwistjoni, wara li hadu konjizzjoni tal-fatturi kollha tal-vertenza, rredigew rapport li jinsab akkluz a fol 181 tal-process. In konkluzzjoni l-periti membri esprimew s-segwenti opinjoni: "*l-proprjeta' ghandha tigi meqjusa bhala bini belti qadim ta' uzu residenzjali u l-kumpens li ghandu jithallas ghax-xiri ta' din il-proprjeta bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' €46,587.47".*

Illi dan l-ammont huwa fil-fatt dak pretiz mill-intimati fit-twegiba taghha ghall-Avviz Ghal Ftehim lilhom notifikat mir-rikorrenti. Il-Bord ma jara ebda raguni ghaliex m'ghandux jadotta il-valutazzjoni maghmula mill-periti membri tieghu u ghalhekk ser jghaddi biex jilqa' t-talba tal-intimati;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti sabiex ikun iffissat il-kumpens xieraq ghal dan it-tehid billi fil-waqt illi jiddikjara illi l-fondi huma fond belti u qadim fit-termini tal-Kap 88, qed jiffissa l-kumpens dovut lill-esproprijati fis-somma komplessiva ta’ €46,587.47 ghall-fondi kollha, bid-dritt ta’ imghax skond id-dispost tal-artikolu 12 tal-Kap 88;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------